GUDJA

Minuti tal-wieħed u ħamsin (51) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 24 ta' Settembru 2012 fis-5.45p.m. Din il-laqgħa kienet msejħa b'urġenza.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John-Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier; | Mark Anthony Sammut |
| Skużat: | Kunsillier; | Anthony Dalli |
| Assenti: | Kunsillier; | Osvaldo Pae |

Agenda:-

1. Xogħol fi Triq San Pawl, il-Gudja.

2. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sur Anthony Dalli kien qed iservi ta' ġurat f'ġuri. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward is-Sur Dalli għandu jiġi konsidrat bħala skużat.

## 1.0 Xogħol fi Triq San Pawl, il-Gudja

1.1 Is-Sindku ta' rendikont dwar dak li ġara u dwar kif il-kuntrattur magħżul, cioe CMG Developers iffaċja problema meta beda x-xogħol peress li ħass li l-house connection u servizz ta' mains ma kienux fil-kompetenza tiegħu.

1.2 Is-Sindku qal li fuq parir tal-perit tal-Kunsill, inħass illi x-xogħol kif kien qed jiġi suġġerit mis-CMG kien sejjer ifisser danni għall-Kunsill. Is-CMG Developers ġie mgħarraf dwar dan u peress li nsista li bl-ebda mod ma ried ikollu x'jaqsam mas-servizzi tal-mains u l-house connection, il-Kunsill kien qed iħoss illi ma kienx possibli li jsir progress u xogħol kif kien qed jiġi ssuġerit mis-CMG ma kienx dak li ried il-Kunsill.

1.3 Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li l-kuntratt mas-CMG Developes (Maintenance and Reconstruction of footpaths and pavement at Gudja) jiġi terminat minnufih.

1.4 Il-Kunsill ikkonsidra kuntratturi li kienu għamlu l-offerta għal dan ix-xogħol.

1.5 Il-kuntrattur Mario Spiteri kien il-kuntrattur li seta jwettaq dan ix-xogħol iżda l-prezzijiet tiegħu kienu għola minn dawk tas-CMG Developers u għalhekk il-Kunsill iddeċieda li javviċina lill-kuntrattur Mario Spiteri

sabiex jagħmel dan ix-xogħol bill kundizzjoni li l-prezzijiet jibqgħu l-istess bħal dak miksuba u maqbula mas-CMG Developers u li jinkisbu l-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti dwar dan ix-xogħol mill-istess Mario Spiteri.

1.6 Dwar xogħol ta' bankini f'toroq oħra l-Kunsill iddeċieda ukoll illi jerġa joħroġ l-offerta u li tiżdied il-klawsola li l-kuntrattur irrid ikun lest li jaħdem x-xogħlijiet dwar servizzi meħtieġa oħra bir-rati stabbiliti mill-entitajiet konċernati.

**2.0 Għeluq tal-laqgħa**

2.1 Peress li l-materja li għalija ġiet imsejħa l-laqgħa ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.00pm sine die.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________